MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 634/2014

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Savill Graeme Peter (ID59230A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mija sitta u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€536.72c), in konnessjoni ma' Television Service Agreement (1425147888 – AC40227936).

Illi ‘nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ ‘nadempjenti u ghalhekk kellha ‘ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza.

<u>Dokumenti Mehmuza:</u>

Dok A - Prospett

Dok B – Kuntratt

Dok C – Estratt Registru Elettorali

Dok D – Traduzzjoni tat-Talba

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-10 ta’ Marzu, 2015 mill-Avukata Dr Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta’ attrici fl-ammont ta’ hames mija sitta u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€536.72c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------